MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 823/2008

**Clement Attard u martu Annunziata Attard**

**-vs-**

**Raymond Vella u martu Josephine Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta’ Awissu 2008 li permezz tiegħu ġie premess illi:

L-atturi jippossjedu l-fond li jġib in-numru 14, Bieb numru 2, fi Sqaq il-Biċċiera, Triq Santu Rokku, Birkirkara, skond kif jirriżulta mill-kuntratt ta’ akkwist datat 3 ta’ Settembru 1962 fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius, hawn anness u mmarkat bħala Dok AA1.

Dan il-fond għandu entrata u bitħa komuni ma' fondi oħra li jġibu n-numru 1 u numru 3, għalkemm kull fond għandu l-bejt tiegħu.

Il-konvenuti Vella u martu għandhom in-Numru 3.

Il-bejt tal-fond tal-atturi huwa hekk kif jidher fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok AA2, u reċintat b'mod illi l-konvenuti m'għandhomx aċċess għalih.

Fis-6 ta' Lulju 2008, l-atturi ndunaw li l-opra morta ta' fuq il-bejt tagħhom ġiet miftuħa u tneħħew tliet filati għat-tul ta' madwar metru, biex b'hekk ġie jinfed għal fuq il-bejt tal-fond Numru 3. Dan meta ġimgħa qabel l-opra morta kienet għadha intatta. Huma tkellmu mal-konvenuti meta ltaqgħu miegħu fuq il-bejt u staqsewh x'kien għamel. Dan wieġeb li hemm ħwejġu.

B'dan l-aġir abbużiv u llegali tal-konvenuti, l-atturi ġew mċaħħda mit-tgawdija tal-bejt tagħhom mingħajr indħil.

Minħabba li dan l-aġir abbużiv tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll kontra l-atturi u dan l-ispoll sar inqas minn xahrejn ilu l-konvenuti ġew imsejħa sabiex iqiegħdu kollox fl-istat li fih kien qabel, u jerġgħu jibnu l-opra morta ta' bejn il-bejt tagħhom u tal-atturi.

Għidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jerġgħu jibnu l-ħajt tal-opra morta ta' bejn il-bejt tar-rikorrenti u l-bejt tal-intimati tal-fondi fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss mill-Qorti, u hekk iqiegħdu kollox kif kien qabel l-ispoll.

2. U tordna li jekk il-konvenuti jonqsu milli jobdu din l-ordni tal-Qorti, tawtorizża lill-atturi jerġgħu jibnu huma stess din l-opra morta a spejjeż tal-konvenuti, li jiġu kundannati jagħmlu depożitu tal-ispejjeż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fl-20 ta' Novembru 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur jeċċepixxu preliminarjament illi l-atturi jridu jipprovaw it-titlu tagħhom, u ċjoe' li huma proprjetarji tal-fond Nru 14 Bieb Nru 2, fi Sqaq Biċċiera, Triq Santu Rokku, Birkirkara u għalhekk għandhom interess ġuridiku fil-kawża odjerna.

2. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-azzjoni tal-ispoll li qed iressqu l-atturi ma treġġix fil-kawża odjerna *stante* n-nuqqas tar-rekwiżiti tal-istess azzjoni.

3. Illi l-allegazzjoni li l-konvenuti neħħew l-opra morta hija nvertiera u għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

4. Illi fi kwalunkwe każ l-arja tal-post tappartjeni lill-konvenuti.

5. Illi t-talbiet tal-atturi huma għalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Mario Cassar, nominat bħala espert tekniku;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' li jiġu preżentati noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed isostnu li l-konvenuti waqqgħu l-opramorta li għalih għamlu referenza fl-istess rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma:

1. il-pussess – ***possedisse***;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – ***spoliatum fuisse***; u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-atturi kellhom jipprovaw it-titolu tagħhom *(sic!)* u li ma kienx hemm rekwiżiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi.

Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess rikjest mill-liġi. Il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar il-kweżit petitorju u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konveuti m'għandhiex rilevanza f'kawża simili <u>għaliex il-Qorti quddiemha għandha biss il-kwistjoni possessorja.</u> Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** l-istess Qorti qalet illi:

*"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u*

*tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru propjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spolljat."*

Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet: *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell'attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l'attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l'indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio …"*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata … jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna, u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna"* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi rigward il-pussess ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti li l-atturi kellhom il-pussess meħtieġ; jirriżulta ampjament ċar anzi li kien hemm opra morta li tifred il-bjut, u li din twaqqgħet. Dan jista' jiġi wkoll konstatat mir-rapport peritali. L-istess rapport jikkonkludi ukoll li: *"Hemm indikazzjonijiet ċari illi l-opra morta oriġinali kienet mill-inqas żewġ filati għolja (DOK MC2); u Hemm indikazzjonijiet ċari li nqalgħu żewġ knaten mill-opra morta li tifred il-bejt tal-intimat minn dak tal-(atturi)."* Jirriżulta wkoll li sar rapport l-għassa tal-Pulizja tal-lokal meta twaqqgħet din l-opra morta nhar is-6 ta' Lulju 2008. Il-Qorti anke mill-*punto di vista* tal-kredibbilta' (billi semgħet il-partijiet), m'għandha ebda dubju li l-verzjoni tal-atturi hija dik veritijiera. Għalhekk hija tal-fehma li l-ispoll ġie indubbjament kommess. Ma hemm ebda eċċezzjoni li l-kawża ma saritx *entro* t-terminu, imma jirriżulta wkoll li l-kawża ġiet intavolata xahar u jumejn wara li seħħ l-ispoll.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għalhekk tordna li jerġa' jittella' l-ħajt jew opra morta in kwistjoni għall-għoli ta' tlett filati. Dan ix-xogħol għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-A.I.C. Mario Cassar.**

**F'kull każ u għall-fini tal-ewwel talba l-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar;**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------